MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta ta' l-24 ta' April, 2015

Rikors Numru. 165/2013

**Mario Zaffarese**

**Vs**

**L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Mario Zaffarese**ipprezentat fit-28 ta' Ottubru 2013 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi permezz ta' avviż ta' penali amministrattiva bid-data tal-4 ta' Settembru 2013 l-Awtorità għat-Trasport f'Malta avżat lir-rikorrent bl-intenzjoni tagħha li timponi fuq l-istess rikorrent Penali Amministrattiva ta' ħames mitt Ewro (€500.00) u ħamsin (50) Punti ta' Penali u dan kif jirriżulta mill-anness avviż immarkat bħala Dok. MZ1;*

*Illi permezz tal-imsemmi avviż ta' penali amministrattiva l-Awtorità għat-Trasport f'Malta qalet li nhar it-23 ta' Awwissu 2013 fi Triq ix-Xatt, il-Gżira għall-ħabta ta' 00:15hrs, ir-rikorrent kien qiegħed jagħmilha "ta' xufier tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HMY 216 qiegħedt jew ħaddimt l-imsemmija vettura regolarment għall-kiri" u dan skont l-istess Awtorità intimata sar bi ksur tar-Regolament 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56);*

*Illi permezz ta' ittra bid-data tat-13 ta' Settembru 2013 mibgħuta lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, ir-rikorrent permezz tal-konsulent legali tiegħu pprovda lill-istess Awtorità spjegazzjoni tal-fatti li seħħew nhar it-23 ta' Awwissu 2013 kif ukoll talab li l-Awtorità ma timponix fuqu Penali Amministrattivi u l-Punti tal-Penali u dan kif jirriżulta mill-annessa korrispondenza mmarkata bħala Dok. MZ2.*

*Illi permezz ta' ittra bid-data tat-23 ta' Settembru 2013 l-Awtorità għat-Trasport f'Malta nfurmat lir-rikorrent li kkunsidrat ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu u li ddeċidiet li "dawn ma kienux ġustifikabbli u għalhekk ma' ġewx milqgħuħa" u konsegwentement imponiet fuq ir-rikorrent Penali Amministrattiva ta' ħames mitt Ewro (€500.00) u ħamsin (50) Punti ta' Penali "minħabba ksur tar-regolament numru 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri" u dan kif jirriżulta mill-annessa korrispondenza mmarkata bħala Dok. MZ3.*

*Illi r-Regolament numru 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56) jipprovdi li:*

> *L-ebda vettura għall-ġarr tal-passiġġieri m'għandha titqiegħed jew titħaddem regolarment għall-kiri:*
>
> *Iżda l-ferroviji mingħajr binarji jitħallew jistennew biex jinkrew f'post ta' tluq approvat mill-Awtorità.*

*Illi l-esponent ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta bid-data tat-23 ta' Settembru 2013 u għalhekk qiegħed jinterponi dan l-appell;*

*Illi l-aggravji tal-esponent huma kif ser jingħad:*

*Illi fl-ewwel lok l-Uffiċjal tal-Infurzar tal-Awtorità intimata li waqqaf lir-rikorrent nhar it-23 ta' Awwissu 2013 fi Triq ix-Xatt, Il-Gżira, fl-ebda waqt ma nforma lill-istess rikorrent li kien ser jiġi mmultat għaliex kien qiegħed jew ħaddem il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HMY 216 regolarment għall-kiri;*

*Illi fit-tieni lok mhuwiex minnu li r-rikorrent nhar it-23 ta' Awwissu 2013 fi Triq ix-Xatt, Il-Gżira, qiegħed jew ħaddem il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HMY 216 regolarment għall-kiri;*

*Illi fit-tielet lok il-fatti kif seħħew nhar it-23 ta' Awwissu 2013 fi Triq ix-Xatt, Il-Gżira, ma jirrelataw xejn mal-allegat ksur tar-regolament numru 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56);*

*Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, ir-rikorrent umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex iħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta bid-data tat-23 ta' Settembru 2013 u dan bl-ispejjeż kontra l-istess Awtorità intimata."*

Ra r-risposta ta' **L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** ipprezentata fit-22 ta' Novembru 2013 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"Illi fil-mertu, id-decizjoni tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta hija wahda gusta u in konformi mal-ligi u ghandha tigi kkonfermata stante li kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz, il-fatti ma humiex kif esposti mir-rikorrent fir-rikors tal-appell tieghu izda kif stabbilit mill-Bord tar-Rapprezentazzjonijiet Trasport Malta.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Ra l-atti kollha tal-kaz;

Sema' x-xhieda tar-rikorrent,[1] ta' SCO 60 Raymond Agius,[2] u ta' EO 160 Charlie Frendo;[3]

[1] A fol. 27 sa 29
[2] A fol. 37 sa 40

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent u tal-Awtorita` intimata;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 23 ta' Settembru 2013 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*"Nirreferu ghar-rapprezentazzjonijiet tieghek mibghuta lill-Awtorita` f'ittra datata 13 ta' Settembru 2013.*

*Wara li l-Awtorita` ikkunsidrat ir-rapprezentazzjonijiet tieghek, gie deciz li dawn ma humiex gustifikabbli u ghalhekk ma gewx milqugha.*

*Ghaldaqstant int infurmat li giet imposta fuqek Penali Amministrattiva ta' €500 u 50 punti ta' penali minhabba ksur tar-regolament numru 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri.*

*Penali Amministrattivi ghandhom jithallsu preferibbilment b'cekk indirizzat lil Transport Malta u mibghut lil Transport Malta, Direttorat tal-Infurzar, Malta Transport Centre, Marsa, MRS 1917.*

*F'kaz li inti ma taqbilx mad-decizjoni tal-Awtorita` li timponi din il-Penali Amministrattiva u l-punti tal-penali rispettivi, tista' tressaq appell quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-Artiklu 5 tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva (Kap. 490) fi zmien tletin gurnata minn meta tircievi dan l-avviz."*

---

[3] A fol. 43 u 44

Illi **r-rikorrent** spjega illi huwa jahdem bhala xufier ma' Alfred Cuschieri. Jghid li fil-gurnata in kwistjoni kien bil-*van* iwassal xi nies u f'hin minnhom cempillu t-tifel tal-imghallem tieghu u qallu li kif ilesti kellu jmur hdejn il-KFC tal-Gzira jghabbi tlett klijenti. Jghid li peress li wasal xi ftit minuti tard huwa ra lill-klijenti mexjin lejn id-direzzjoni tal-Belt u ghamlulu sinjal u waqqaf biex jghabbihom. Dawn il-persuni jghid li kien jafhom ghax gieli ghabbihom qabel. Kif dawn it-tfajliet kienu se jitilghu fil-van waqfet warajh karozza u hargu minnha erba' *enforcement officers* tal-Awtorita` intimata. Wiehed mill-*enforcement officers* talbu t-tag u *enforcement officer* iehor tah citazzjoni u telqu. Meta ra hekk, ir-rikorrent nizel mill-van u staqsihom ir-raguni ghala kienu harrkuh u qalulu li kien ghabba n-nies minn fuq *bus stop.* Ir-rikorrent indikalu li l-van ma kienx qieghed fuq *bus stop* u stiednu biex jinzel halli jivverifika pero' ma nizilx. Zied jghid li dawn it-tfajiet suppost kellu johodhom Paceville.

**SCO 60 Raymond Agius** spjega illi fil-gurnata in ezami innutaw van Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni HMY 216 li kien qieghed fuq il-*bus stop* ta' hdejn il-KFC fil-Gzira. Jghid li x-xufier gie mwaqqaf u talbuh it-tag u qalulu li kien qieghed jaghmel xoghol mhux awtorizzat ghaliex kien qieghed jghabbi minn fuq *bus stop*. Mistoqsi ghaliex ir-rikorrent gie ezattament imharrek, ix-xhud wiegeb li gie mharrek ghaliex kien qieghed jaghmel xoghol mhux awtorizzat. Huwa spjega illi l-persuni li r-rikorrent tella' kienu qed jistennew lil tal-linja.

**EO 169 Charlie Frendo** spjega illi fil-gurnata in kwistjoni ra lir-rikorrent jghabbi xi nies barranin minn fuq il-*bus stop* ta' hdejn il-KFC. Jghid li lir-rikorrent harrkuh ghaliex mhux suppost tellaghhom minn fuq *bus stop*.

Illi dan it-Tribunal josserva illi skond l-avviz li ntbaghat lir-rikorrent, huwa gie misjub hati mill-Awtorita` intimata li mar kontra r-Regolament numru 42 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 (Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggier).

Illi l-imsemmi Regolament jghid is-segwenti:-

*“**42.** (1) L-ebda vettura għall-ġarr tal-passiġġieri m’għandha titqiegħed jew titħaddem regolarment għall-kiri:*

*Iżda l-ferroviji mingħajr binarji jitħallew jistennew biex jinkrew f’post ta’ tluq approvat mill-Awtorità.*

*(2) Is-servizzi ta’ ġarr tal-passiġġieri, ħlief is-servizzi fuq ir-rotot tat-trasport għat-turisti u s-servizzi b’ferroviji mingħajr binarji, jistgħu jinbiegħu biss minn gabbani awtorizzati, minn postijiet kummerċjali awtorizzati, mill-uffiċini tal-operatur jew miċ-ċentru minn fejn jopera l-operatur, online, bit-telefown jew bil-posta.*

*(3) L-ebda persuna m’għandha -*

*(a) tbiegħ, jew*

*(b) iġġiegħel jew tħalli lil persuna oħra tbiegħ servizzi ta’ ġarr tal-passiġġieri, ħlief is-servizzi fuq ir-rotot tat-trasport għat-turisti u s-servizzi b’ferroviji mingħajr binarji, bi ksur tad-dispożizzjoni tas-subregolament (2).*

*(4) Ebda persuna m’għandha tiffitta, sew jekk direttament sew jekk indirettament, persuna f’xi post biex tuża servizz ta’ ġarr tal-passiġġieri.”*

Illi m’hemmx kontestazzjoni illi l-vettura li kien qieghed isuq ir-rikorrent taqa’ fid-definizzjoni ta’ “vettura ghall-garr ta’ passiggieri.” L-intenzjoni tal-Legislatur wara dan il-provvediment appena citat kienet illi l-vetturi ghall-garr tal-passiggieri m’ghandhomx jitqieghdu ghall-kiri minghajr ma jkunu gew ingaggati ghal servizzi partikolari b’avviz minn qabel. Hekk perezempju ma jistghux jieqfu fit-triq u jistaqsu lill-persuni jekk ridux iwassluhom x’imkien. Il-ftehim biex jigi offrut is-servizz tal-istess vetturi jista’ jsir biss minn gabbani awtorizzati, postijiet kummercjali awtorizzati, mill-ufficini tal-operatur jew mic-centru fejn jopera, jew inkella *online,* permezz tat-telefown jew bil-posta.

Illi skond ir-rikorrent, f'dan il-kaz, il-persuni li ghabba kienu cemplu lit-tifel tal-imghallem tieghu u talbuh biex iwassalhom Paceville. Min-naha l-ohra l-ufficjali tal-infurzar tal-Awtorita` intimata qeghdin jghidu li rawh itella' l-istess persuni minn fuq *bus stop*.

Illi t-Tribunal josserva illi precedentement ghall-avviz mibghut lir-rikorrent fit-23 ta' Settembru 2013, huwa kien ircieva Avviz iehor fejn l-Awtorita` intimata kienet uriet l-intenzjoni taghha li timponi penali amministrattiva u punti ta' penali ghaliex irrizultalha li **waqt li r-rikorrent kien qieghed jaghmilha ta' xufier qieghed jew haddem il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HMY 216 u dan bi ksur tar-Regolament 42 tal-Legislazzjoni Sussidjarjra 499.56.** Ghal dan l-Avviz, ir-rikorrent ghamel ir-rapprezentazzjonijiet tieghu, liema rapprezentazzjonijiet ma ntlaqghux mill-Awtorita` intimata u ghaldaqstant ghaddiet biex timponi l-penali amministrattiva u punti ta' penali.

Mix-xhieda tal-ufficjali tal-infurzar jirrizulta illi skond huma ir-rikorrent kien qieghed imur kontra r-Regolamenti ghaliex ghabba xi persuni minn fuq *bus stop*. Fil-fatt minn Dok CF1 a fol. 45, li huma l-*prime note* li ha l-ufficjal tal-Awtorita' fuq il-post, hemm inizzel "Xoghol mhux awtorizzat. Ghabba minn fuq il-*bus stop*."

Illi dan il-fatt, u cioe` li r-rikorrent ghabba minn fuq il-*bus stop*, ma jirriflettix is-sussegwenti akkuza ai termini tar-Regolament 42 mahruga fil-konfront tar-rikorrent. U dan ghaliex f'dik l-akkuza, dak li gie akkuzat bih ir-rikorrent kien li huwa ghabba lill-persuni koncernati minghajr ma kellu *booking* minn qabel u cioe, fi ftit kliem, rahom fuq il-*bus stop*, waqqaf u tellaghhom.

Illi dan it-Tribunal josserva illi l-ufficjali tal-Awtorita' intimata meta waqqfu lir-rikorrent ma staqsewx lill-istess persuni xi ftehim kien hemm mar-rikorrent biex hu jwassalhom fid-destinazzjoni taghhom. Dan it-Tribunal iqis li din kienet l-inqas haga li setghu jaghmlu biex jivverifikaw ezatt x'kienu l-fatti. Il-fatt

wahdu li r-rikorrent tella' lill-istess persuni minn fuq il-*bus stop* ma jgibx mieghu is-sanzjoni ai termini tar-Regolament 42. Ikun hemm ksur ta' tali regolament jekk jigi ppruvat illi l-persuna li tkun qed issuq il-van tkun ghabbiet lil xi persuni minghajr ma tkun giet ingaggata biex taghti tali servizz b'avviz minn qabel. Minn dan kollu ma rrizulta xejn. Dan apparti l-fatt li lanqas hemm qbil li l-passiggiera fil-fatt tghabbew minn fuq *bus stop.* Fir-rigward, l-inqas haga li setghu jaghmlu l-ufficjali tal-Awtorita` li kienu mill-inqas tnejn, kien li *a tempo vergine*, jiehdu imqar ritratt tal-van fuq il-*bus stop.* Illi t-Tribunal irid jenfasizza illi l-Awtorita` intimata trid tifhem u tapprezza li l-imposizzjoni ta' penali u multi amministrattivi ghandhom piz dirett fuq jekk jigix revokat jew le il-permess ta' xufier, liema permess hafna drabi jfisser il-hobza ta' kuljum tieghu. Ghalhekk, id-decizjonijiet li l-Awtorita` tiehu jridu jkunu sostanzjati b'evidenza konklussiva li jwasslu lil dan it-Tribunal jikkonvinci ruhu li l-infrazzjoni fil-verita` sehhet.

Illi ghaldaqstant, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita' intimata kienet zbaljata meta imponiet il-penali amministrattiva u l-punti ta' penali fuq ir-rikorrent ghaliex mill-provi li gew prodotti quddiem dan it-Tribunal, l-istess Awtorita' ma setghetx tasal ghall-konkluzzjonijiet li waslet ghalihom la darba ma giex ippruvat b'mod sodisfacenti li r-rikorrent kien fil-fatt ghabba lill-istess passiggieri bi ksur tar-Regolament 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-appell tar-rikorrent u dana billi jhassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Awtorita' intmata datata 23 ta' Settembru 2013.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita' intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------